MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 628/2003

**Alex Mangion**

**Vs**

**Anthony Cilia Pisani bhala Chairman u in rapprezentanza tal-Main Committee ta' The Marsa Sports Club**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-20 ta' Gunju, 2003, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi l-attur huwa membru ta' *The Marsa Sports Club* u kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju tar-*Royal Malta Golf Club*.

Ippremetta illi fit-22 ta' Novembru 2002 il-konvenut Tony Cilia Pisani, *Chairman Marsa Sports Club*, hareg "*Warning*" *Circular* b'diversi dikjarazzjonijiet invertijieri.

Ippremetta illi waqt laqgha straordinarja *(EGM)* li saret fit-13 ta' Mejju 2003 l-attur argumenta mac-*Chairman Marsa Sports Club* dwar il-kontenut ta' l-imsemmija *"Warning"* Circular.

Ippremetta illi b'ittra tal-15 ta' Mejju 2003, giet imposta fuqu l-piena ta' sospensjoni ghal zmien sitt (6) xhur bil-premessa illi huwa kien "*disparaged the integrity of the Chairman as well as the entire MSC Committee of Management",* minghajr ma nghata l-opportunita' li jaghti l-versjoni tieghu u li jiddefendi ruhu. Huwa gie wkoll imwissi illi jekk ma jirtirax il-kliem "ingurjuz", il-kumitat ta' tmexxija kien qed jirriserva d-dritt li jiehu mizuri ohra ta' dixxiplina.

Ippremetta illi l-konvenut qed jinsisti mar-*Royal Malta Golf Club* biex jimponi l-istess sospensjoni fuq l-attur, liema talba mhix qed tigi moghtija widen ghaliex l-attur igawdi l-appogg shih tar-*Royal Malta Golf Club.*

Ippremetta illi b'ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju 2003 l-attur ipprotesta dwar dan il-kastig li gie impost arbitrarjament, abbuzivament u illegalment.

Ippremetta illi sussegwentement, il-konvenut ikkonceda li jaghti d-dritt ta' smiegh lill-attur fit-18 ta' Gunju fis-1.30pm *in konnessjoni* ma' l-istess passi dixxiplinarji gia' mehuda, "*… meanwhile, the disciplinary action taken in your regard is to stand".*

Ippremetta illi waqt l-imsemmija laqgha li saret fit-18 ta' Gunju 2003 l-attur iddikjara:

*"This is to state that my remarks at the MSC EGM of the 13$^{th}$ May 2003 were made solely in relation to the "Warning" Circular issued under the signiture of the MSC Chairman on 22 November 2002".*

*"I retract the use of the word 'lies', but my opinion that the "Warning" Circular referred to above contained untruths stands".*

Ippremetta b'decizjoni mehuda fit-18 ta' Gunju 2003, id-decizjoni dwar is-sospensjoni giet ikkonfermata izda ridotta ghal perjodu ta' tliet (3) xhur.

Ippremetta illi l-attur qed jikkontesta l-azzjoni dixxiplinarja mehuda fil-konfront tieghu.

Ippremetta illi l-ittra ta' sospensjoni tirreferi ghal *Rule XI (Conduct of Members)* izda bl-ebda mod ma turi kif l-imgieba ta' l-attur tista' tigi kkunsidrata *"injurious to the interests or character of the club".*

Ippremetta illi kif sostna l-attur waqt is-smiegh quddiem il-*Main Committee, il-fonti* tat-tilwima, *cioe'* il-*"Warning"* Circular datata 22 ta' Novembru 2002, kien fiha dikjarazzjonijiet invertijieri, kif l-attur jista' *indubjament* jipprova. Fil-fatt hija l-fehma tal-kumitat kollu tar-*Royal Malta Golf Club* illi l-imsemmija *"Warning"* Circular fiha dikjarazzjonijiet li mhumiex minnhom.

Ippremetta illi l-konvenut la ghandu u lanqas jista' jkollu bazi legali biex jimponi fuq l-attur sospensjoni ghal zmien sitt xhur, jew tliet xhur, jew kull perjodu iehor.

Ippremetta illi l-imgieba ta' l-attur bl-ebda mod ma tikkonstitwixxi imgieba *"injurious to the character or interests of the club ..."*, ghaliex hu argumenta mac-*Chairman* ta' *The Malta Sports Club* dwar il-kontenut tal-*"Warning"* Circular.

Ippremetta illi *Rule XI* tikkontempla imgieba diretta lejn il-*club* u mhux lejn individwi, u l-*club* huwa l-membri u mhux ic-*Chairman*, liema *Chairman* fil-fatt kien il-persuna li kiteb, iccirkola u ippubblika stqarrija b'dikjarazzjonijiet inveritjieri, *intiza* biex tizvija mill-*verita'* lis-socji ta' l-istess *club*, u huwa propju dan li jikkostitwixxi *agir dannuz* u ingurjuz *versu* l-karattru u l-interessi tal-*club.*

Talab l-attur biex il-konvenut ighid fil-kwalita' tieghu premessa ghaliex, ghar-ragunijiet imsemmija, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-azzjoni ta' dixxiplina mehuda mill-konvenut *nomine* kontra l-attur hija nulla u bla ebda effett, u dan kemm ghaliex l-imgieba ta' attur bl-ebda mod ma tikkostitwixxi imgieba *"injurious to the character or interests of the club"* kif ukoll ghaliex il-konvenut fil-kwalita' tieghu premessa ma setax, fl-istess waqt u hin, jaghti d-dritt ta' smiegh lill-attur (wara li kien diga' sospiz minghajr ebda opportunita' li jiddefendi ruhu) u jghidlu illi *"Meanwhile, … the disciplinary action taken in your regard is to stand".*

2. Tiddikjara illi ma tezisti l-ebda bazi legali biex tigi imposta fuq l-attur sospensjoni (minn shubija f'*The Malta Sports Club*) ghal kwalsiasi perjodu.

3. Tiddikjara, riferibilment ghall-*"Warning" Circular* tat-22 ta' Novembru 2002 (Dok. X) iffirmata mill-konvenut nomine, illi din fiha dikjarazzjonijiet inveritjieri u hija tendenti li tizvija mill-*verita'* lis-socji ta' l-istess *club*, u li dan jikkostitwixxi agir dannuz u ingurjuz versu l-karattru u l-interessi ta' *The Marsa Sports Club*.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju 2003, kontra l-konvenut nomine li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* li *in forza* taghha ecepew illi:

*In linea* preliminari, ic-citazzjoni attrici hija nulla u timmerita illi tigi respinta, bl-ispejjez kontra l-attur, *in kwantu* t-talbiet attrici, bil-mod kif inhuma *intavolati* bhala talbiet merament dikjaratorji, ma jistghu qatt jipprovdu rimedju specifiku fil-konfront tal-konvenut nomine jew tal-azzjoni dixxiplinari formanti l-*meritu* tal-kawza odjerna;

*In linea* preliminari wkoll, u ghall-istess ragunijiet hawn fuq premessi, ic-citazzjoni u t-talbiet attrici huwa fi *kwalunkwe* kaz ukoll *insostenibbli* fil-konfront ta' kemm il-konvenut nomine u kif ukoll tal-azzjoni dixxiplinari *formanti* l-meritu tal-kawza odjerna, *stante* illi d-dikjarazzjonijiet mitluba

mill-attur ma jistghu qatt ikollhom l-effett legali illi jirrendu l-istess azzjoni dixxiplinari *nulla* u bla ebda effett, *in mankanza* ta’ talba espressa f’dan is-sens;

*In linea* preliminari, u minghajr pregudizzju ghas-*suespost,* dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni u ma hijiex il-*forum* adatt biex titratta u tiddeciedi dwar it-tielet talba attrici, illi qatt ma kienet tikkostitwixxi l-meritu *ossija* r-raguni tal-azzjoni dixxiplinari mehuda mill-*Club* esponent fil-konfront tal-attur, *oltre* li l-istess attur ma ezawriex ir-*rimedji* li ghandu skond ir-*Regoli* tal-*Club* esponent;

*In linea* preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-*suespost,* l-ewwel talba attrici hija ghal kollox insostenibbli billi, b’din it-talba, l-attur qed jittenta jossostitwixxi l-ezercizzju tal-*poteri* tal-*Club* esponent bid-diskrezzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti ghall-finijiet tal-apprezzament tal-*fatti* illi waslu ghall-azzjoni dixxiplinari illi ttiehdu mill-esponent nomine fil-konfront tal-attur;

Minghajr pregudizzju ghas-*suespost*, it-tieni talba attrici hija daqstant bla bazi ghaliex l-attur, bhala membru tal-*Club* esponent, hu konxju u marbut bir-*Rules of the Marsa Sports Club* (kif stipulat fil-Klawsola XIII tal-istess Regoli) u ghalhekk jaf bis-setghat moghtija lill-istess Kumitat Ezekuttiv tal-*Club* esponent *ai termini* tal-istess Regoli, fejn l-azzjoni dixxiplinari mehuda fil-konfront tal-attur issib il-bazi legali taghha.

Fuq il-meritu u minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari kollha hawn fuq eccepiti, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attur, billi l-azzjoni dixxiplinari li ttiehdet kontra l-istess attur saret bl-ezercizzju legali u diskrezzjonali tal-Club esponent, skond id-dispozizzjonijiet tar-*Rules of the Marsa Sports Club,* wara illi l-attur kien gab ruhu hazin u b’mod ingurjuz ghall-karattru u l-interessi tal-*Club.*

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel hames eccezzjonijiet preliminari *sollevati* mill-konvenuti nomine;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-attur;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur f'din il-kawza huwa membru ta' *The Malta Sports Club* u kien jokkupa l-kariga ta' segretarju ta' *The Royal Malta Golf Club.* Illi c-*Chairman* tal-*Marsa Sports Club* hareg *"Warning"* lill-attur b'ittra datata 22 ta' Novembru, 2002, u sussegwentement, b'rizultat ta' argumentazzjoni li nqalghet bejn il-partijiet fuq din l-istess ittra ta' twissija, il-kumitat tal-*Marsa Sports Club* issospendih ghal zmien sitt xhur, sussegwentement imnaqqsa ghal tlett xhur. L-attur qed jipprotesta fuq dik l-ittra ta' twissija u s-sospensjoni tieghu peress li qed jallega li dak il-kastig kien gie impost abitrarjament, abbuzivament u illegalment, u qed jitlob dikjarazzjoni li dawk il-preceduri ta' dixxiplina li ttiehdu kontrih kienu bla ebda bazi legali u jikkontjenu dikjarazzjonijiet *inveritjieri*.

B'mod partikolari, il-konvenuti nomine eccepew illi;

1. Ic-citazzjoni hi nulla ghax giet *intavolata* b'talbiet merament dikjaratorji li ma jistghu qatt jipprovdu rimedju specifiku;

2. Ic-citazzjoni hi nulla ghax it-talbiet m'humiex preceduti b'talba *ad hoc* li l-azzjoni dixxiplinari hija nulla u bla ebda effett;

3. *Il kwantu* it-tielet talba tirreferi ghall-*"Warning",* il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni tiddeciedi fuqha, peress li dik qatt ma kienet ir-raguni tal-azzjoni dixxiplinari, u f'kull kaz, l-attur ma ezawriex ir-rimedji li ghandu skond ir-regoli tal-*Club*;

4. *In kwintu* l-ewwel talba, l-azzjoni hi insostenibbli peress li l-Qorti ma tistax tissostitwixxi l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-*Club* b'dak taghha.

5. Illi l-attur hu marbut bir-regoli tal-*Club* u ghalhekk, jaf li dawn ir-regoli jaghtu bazi legali ghal agir tal-Kumitat tal-*Club.*

Din is-sentenza hija limitata ghat-trattazzjoni u decizjoni ta' dawn l-hames eccezzjonijiet preliminari.

Ghar rigward ta' l-ewwel eccezzjoni, jinghad li biex tigi ezercitata azzjoni, l-attur irid ikollu interess guridiku fil-prosegwiment ta' dik il-kawza, liema interess irid ikun jezisti fil-bidu tal-kawza u *jipperdura* tul is-smiegh tal-kawza. (“Laferla vs Lauri” deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Mejju, 2002). Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza “Goggi vs Mifsud', deciza fil-11 ta' April, 1930, ghalkemm il-kodici taghna m'ghandux provediment li jittrata l-htiega ta' interess, din il-htiega tista' tigi desunta mill-*artikolu* 236, li jitkellem fuq dritt ta' appell *“minn kull min ikollu interess”*, u mill-*artikolu* 960, li jitkellem fuq l-intervent f'kawza *in statu et terminis,* fiz-zewg kazi, tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Kompliet tghid dik l-Onorabbli Qorti li *“Fu nondimeno sempre ritenuto nella patria gurisprudenza, malgrado il difetto di una precisa disposizione della legge in materia, e come corollario di (queste) due disposizione, che base e misura di ogni azione guidiziario e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta' perche' se l'interesse e una condizione sine qua non per il semplice intervento e per l'appello, e' tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio”.*

F'dan il-kuntest, l-interess irid ikun guridiku fis-sens li dan l-interess irid ikun rikonoxxut bil-ligi u l-azzjoni trid tkun preordinata ghal l-otteniment ta' rimedju protett bil-ligi. Minhabba dan ir-rikwezit, gie deciz li rimedji li jwasslu biss ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni mhux permissibli. Fil-kawsa “Darmenia vs Borg Oliver noe”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-18 ta' Frar, 1966, intqal li *“fis-sistema aktarx segwit mill-Qrati taghna, ghad li m'humiex projbiti domandi diretti ghall-otteniment ta'*

*semplici dikjarazzjoni li tista' tkun pre-ordinata ghal domanda ohra definitiva jew finali, avolja din ma tkunx dedotta, jehtieg illi l-Qorti tkun perswaza illi dak ir-rimedju l'iehor jista' jinghata; jekk ir-rimedju konsegwenzjali m'huwiex ottenibbli mill-Qorti, id-dikjarazzjoni ma tinghatax".* Hekk ukoll, fil-kawza "Edrichton Estates Ltd vs Munro Philips & Co Ltd", deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Ottubru, 2003, intqal li f'kaz ta' talbiet dikjaratorji, il-Qorti tista' tiehu konjizzjoni taghhom, *purche'* dawn ikunu pre-ordinati ghal domanda definitiva u finali, *anke* jekk din tkun ghada ma gietx dedotta f'gudizzju. (Ara wkoll "Grech vs Grech", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar, 1989).

Minn naha l-ohra, intqal ukoll li, *"L-interess f'min jaghmel kawza m'hemmx bzonn li jkun patrimonjali, imma jista' jkun anki morali u astratt, purche' jkun ta' natura guridika, jigifieri li jkun jikkorrispondi ghal lezjoni ta' dritt, u ghalhekk, hu bizzejjed, biex jirradika dak l-interess, anki semplici dritt onorifiku. Lanqas m'hu mehtieg li jkun hemm vjolazzjoni ta' dritt veru u propju, imma hu bizzejjed li l-ezistenza tad-dritt tkun minaccjata"* – "Axiaq vs Mizzi", deciza minn din il-Qorti fit-13 t'Ottubru, 1952 (Kollez. Vol. XXXVI.11.532). Il-Qorti, f'dik il-kawza, kompliet tisma' l-kawza li kienet intiza ghas-semplici interpretazzjoni ta' legat, u, ghalhemm, seta' jinghad li s-sentenza ma tkunx tista' tigi ezegwita, *"mhux koncepibli kif is-sentenza li taghti dik l-interpretazzjoni tista' tigi injorata".*

Interessanti wkoll illi d-decizjoni fil-kawza "Falzon Sant Manduca vs Weale", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar, 1959, (Kollez. Vol XVIII.1.1), fejn inghad li l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku. Fil-kawza "Ganado vs Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Settembru, 1961, gie wkoll deciz li *"d-dritt tal-attur vjolat bir-rizoluzzjoni impunjata ghandu kontenut morali, u jidhol fil-kategorija tad-drittijiet soggettivi immaterjali – liema dritt l-attur ghandu b'din l-azzjoni l-interess li jigi affermata permezz tal-awtorita' gudizzjarja".*

F’dan il-kaz l-attur ghandu zgur interess morali li jara li certi allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu jigu korretti. Kull bniedem li jallega li fil-konfront tieghu saru dikjarazzjonijiet inveritjieri ghandu dritt, jekk dawk id-dikjarazzjonijiet ma jigux irtirati, li jitlob dikjarazzjoni li dak li nkiteb fuqu ma kienx veru. Tali dikjarazzjoni tista’ isservi, wahidha bhala sodisfazzjon ghar-reputazzjoni ta’ dik il-persuna, u tista’ wkoll isservi bhala bazi ghall-azzjoni ta’ danni li taht il-provediment ta’ delitt u kwazi-delitt, ikun responsabbli ghalihom kull min, *bi kwalunkwe* mod, ikun ghamel hsara lil haddiehor.

L-istess jista’ jinghad ghal l-azzjoni ta’ dixxiplina li ittiehdet kontra tieghu. Il-fatt li t-*terminu* ta’ sospensjoni *gia* gie esegwit ma jfissirx li l-attur ma jistax jitlob dikjarazzjoni li l-istess *sanzjoni* kienet nulla u bla effett, u dan kemm ghaliex kienet barra minn lokha, kif ukoll ghax ittiehdet bi ksur tal-principji ta’ gustizzja naturali. *Anke,* f’dan il-kaz, id-dikjarazzjoni tista’ tkun wahedha, ta’ *riliev* ghall-*“insult”* li qala’ bil-passi tad-dixxiplina li ittiehdu kontra tieghu u tista’ wkoll isservi bhala bazi ghall-azzjoni ta’ danni (ara <u>“Azzopardi vs Cini”</u>, deciza minn din il-Qorti fil-15 t’Ottubru, 2003).

Fil-kuntest tal-principji ta’ gustizzja naturali, inghad *a propositu*, li n-nullita’ ta’ xi decizjoni ghandha tigi *pronunzjata anke* jekk l-istess decizjoni tkun sostenzjalment *gusta*. *Lord Wright* fil-kawza ingliza, <u>“General Medical Council vs Spackman”</u>, deciza mill-*House of Lords* fl-1943, osserva:

*“If the principles of natural justice are violated in respect of any decizion it is, indeed, immaterial whether the same decizion would have been arrived of in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decizion must be declared to be no decizion”.*

Tali dikjarazzjoni hija, wahedha, rimedju sofficjenti.

*Kwindi,* minghajr ma din il-Qorti qeghdha, b’xi mod tghaddi gudizzju fuq il-*veracita’* jew *attendibilita’* tal-

allegazzjoni attrici, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti nomine ghandha tigi michuda.

Bit-tieni eccezzjoni taghhom, il-konvenuti qed issostnu li l-azzjoni attrici hija nulla peress li t-talbiet tal-attur ma gewx preceduti b'talba biex jigi dikjarat li l-azzjoni dixxiplinari li ttiehdu kienu nulli u bla effett. F'dan il-kaz, jinghad, li bhala fatt, it-talba ghal dikjarazzjoni li ma tesisti ebda ligi biex tigi imposta fuq l-attur xi forma ta' sospensjoni, hi konsegwenzjali ghal dikjarazzjoni li l-azzjoni ta' dixxiplina mehuda fil-konfront tieghu kienet nulla u bla effett. *Inoltre* kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Seychell et vs Galea", deciza fit-22 ta' Marzu, 1982, in-nuqqas tal-attur li *jippreordina domanda* ghad-danni, b'talba li l-konvenut naqas li jesegwixxi l-obbligazzjonijiet tieghu, ma jgibx ghan-nullita' tac-citazzjoni ghaliex ma tippregudikax il-konvenut fit-*terminu* tal-*artikolu* 789(1)(c) tal-Kap 12; *inoltre tali* dikjarazzjoni tista' titqies li hija nvoluta fid-domandi l-ohra. Hekk ukoll fil-kawza "Micallef et noe vs Abela noe", deciza mill-Onorevoli Qorti tal-kummerc fl-1 t'Ottubru, 1990, intqal li talba ghall-kundanna mhux mehtieg li tkun *preceduta* b'talba dikjaratorja dwar *responsabilita'* (ara fl-istess sens il-kawza deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2002, fil-kawza fl-ismijiet "Gold Circle Development Ltd vs BOL Ltd et". Dawn il-principji ghandhom applikazzjoni ghal kaz odjern.

Gie ukoll deciz, fil-fatt, li m'hijiex mehtiega ebda ghamla *espressa* ghall-*proposizzjoni* tal-azzjoni ("Muscat vs Cassar". Prim' Awla, 9 ta' Marzu, 1965), li c-citazzjoni m'ghandhiex tigi mwaqqgha ghajr ghal ragunijiet gravi ("Merola vs Caruso", Qorti tal-Appell, 20 ta' Frar, 1935), u li bizzejjed li mic-citazzjoni jirrizulta rapport, u n-nuqqas ta' *kjarezza* trid tkun ta' ghamla u *kwalita' tali* li ccahhad b'mod serju lill-konvenut mid-difisa tieghu ("Scicluna vs Xuereb" Qorti tal-Appell 22 ta' Mejju, 1967); hu bizzejjed li t-talba tkun imfassla *tali* li l-konvenut jifhem l-intenzjoni ta' min harrikha ("Coleiro vs Ellul", Prim' Awla, 14 ta' Frar, 1967). Il-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari kif ghandha ssir ic-citazzjoni, *basta* jkun jiftiehmu x'ikun qed jitlob l-attur ("Moore vs Falzon", Prim' Awla, 15 ta' Dicembru, 1955).

F’dan il-kaz, fil-fehma tal-Qorti, ic-citazzjoni hija cara bizzejjed u l-intenzjoni ta’ l-attur tidher *ben definita*, u t-talbiet attrici jghatu stampa cara ta’ dak li qed jippretendi l-attur b’din l-*istanza.*

*Kwindi*, din il-tieni eccezzjoni, ghandha wkoll tigi michuda.

Bit-tielet eccezzjoni taghhom, il-konvenuti qed jallegaw li din il-Qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni tittratta u tiddeciedi it-tielet talba li tirreferi ghall-kontenut tal-*“Warning”*, u dan peress li dik l-ittra ma kienetx ir-raguni tal-azzjoni dixxiplinari mehuda kontra l-attur. Fil-fatt, *pero’*, l-attur ma allegax li l-passi dixxiplinari ittiehdu minhabba l-kontenut ta’ dik l-ittra, u ma rabatx is-sospensjoni tieghu mal-ittra li ntbghatet lilu bhala twissija. Fit-tielet talba, l-attur qed jitlob dikjarazzjoni li dak li gie addebitat lilu f’dik l-ittra m’huwiex *veritjeri (“jisvijaw mill-verita’ lis-socji ta’ l-istess Club”),* u hu ghandu dritt, kif *gia* intwera, jikklerja ismu ma l-istess socji tal-*Club.* Jekk id-dikjarazzjonijiet fl-ittra huma verament dannuzi u ingierjuzi *versu* l-karattru u l-interessi tal-*Club, in kwantu* li s-socji qed jigu *“zvijati mill-verita”* (kliem tal-attur), hu ghandu dritt *“to put the record straight”* fl-interess tieghu u tal-*Club* li tieghu l-attur huwa membru. Bil-fatt li l-Qorti tikkumenta fuq dan, hi ma tkunx, b’dan il-mod, qed tindahal fl-*operat* tal-*Club*, izda li tara li *anke* f’dik l-*organizzazzjoni*, l-affarijiet jimxu *rite et recte.* Il-gurisdizzjoni tal-Qorti tigi ezercitata sa fejn hu mehtieg biex tassigura li membri ta’ assocjazzjoni jigu trattati b’mod li jixraq l-*istatus* tal-*Club* u li ma jigix attribwiet lilhom *fatti* u cirkostanzi li jkunu *inveritjeri.*

Fl-ahhar parti ta’ din it-tielet eccezzjoni il-konvenut nomine jallega li l-attur ma ezawriex ir-rimedji li ghandu skond ir-Regoli tal-*Club*. Ir-Regoli tal-*Club* jipprovdu li f’kaz ta’ allegazzjoni ta’ *misconduct* ta’ membru tal-*Club* ghandu jsir rapport lill-Kumitat ta’ l-istess *Club* li, taht il-*paragrafu* 8 u 9 tal-*Kapitolu XI* tar-Regoli ghandu l-poter jissospendi l-istess membru. Ir-Regoli tal-*Club, pero’*, ma jghidu xejn dwar x’jigri f’kaz li l-*misconduct* ikun allegat li sar mill-kumitat stess, kif qed jigi allegat f’dan il-kaz. Zgur li mhux rimedju effettiv li agir tal-Kumitat jigi rapportat lill-istess

kumitat biex dan jiddeciedi ghandux jissosspendi l-membri tieghu stess. Dan hu kaz car fejn ir-rimedju moghti jwassal ghal-*bias* favur il-Kumitat tal-*Club* konvenut, u ghalhekk, l-attur kien intitolat li dwar it-twissija li rceiva mill-istess Kumitat, jaderixxi l-Qrati ordinarji ghas-sodisfazzjon.

Ghal dwar ir-ragunijiet, *anke* it-tielet eccezzjoni preliminari tal-konvenuti nomine tisthoqilha li tigi michuda.

Bir-raba' eccezzjoni, il-konvenuti nomine qed jilmentaw li din il-Qorti m'ghandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Kumitat Ezekkuttiv tal-*Club*. Dan huwa minnu, *pero'* dan ma jfissirx li l-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarja hija kompletament mxejna bil-fatt li d-diskrezzjoni trid tigi *esercitata* biss mill-*Bord.* Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Eden Leisure Group vs Borg D Anastasi", deciza fis-27 ta'Gunju, 2003, *"Illum hu car li l-Qorti Civili tista' tissindika l-operat ta' kwalsiasi Tribunal amministrattiv, l-ewwel nett biex tassigura li l-principi ta' gustizzja naturali huma osservati, u t-tieni, biex tassigura li ma kienx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi, u dana minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik il-Bord".*

Hekk ukoll din il-Qorti, fil-kawza "Power Projects Ltd vs Agius", deciza fis-16 ta' Gunju, 2003, osservat li, fil-kuntest ta' decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali, dawk id-decizjonijiet huma sindakabbli jekk it-Tribunal jagixxi *ultra vires* is-setghat lilu moghti. It-Tribunal ghandu jassikura wkoll li ssir gustizzja skond il-*meriti* tas-sustanza tal-kaz, u dan bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali. Intqal ukoll, li l-Qorti m'ghandhomx gurisdizzjoni biex jirriezaminaw jew jirrevedu l-*meritu* tal-kontroversja li tkun giet deciza mit-Tribunal (ara wkoll "Falzon vs Grima", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-17 ta' Mejju, 1993).

F'dan il-kuntest, u fil-limiti esposti, din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni tissindika l-operat tal-Kumitat Ezekuttiv tal-*Marsa Sports Club* u dan *anke* fid-dawl tat-tendenza

moderna li l-obbligu li jigu osservati l-principji ta' gustizzja naturali hu impost *"upon every one who decides anything"* – "Board of Education vs Rice", deciza mill-*House of Lords* fl-1911, u rinforzata bid-decizjoni tal-istess *House of Lords* fil-kawza "Ridge vs Baldwin", moghtija fl-1964.

Ir-raba eccezzjoni tal-konvenuti nominit hija, ghalhekk, mhux sostenibbli.

Ghar-rigward tal-hames eccezzjoni, din bazikament tghid illi l-Kumitat kien awtorizzat jagixxi fil-konfront tal-attur mill-Istitut tal-*Club* li tieghu l-attur huwa membru. Dan m'hiex qed jigi kontestat. L-attur, meta accetta li jidhol membru fil-*Club*, accetta wkoll li jkun marbut bit-*terminu* tar-Regoli tal-*Club*, kemm dawk fis-sehh meta sar membru, kif ukoll dawk li jidhlu fis-sehh sussegwentement ghall-involviment tieghu mal-*Club*, diment li r-Regoli jinbidlu u jidhlu fis-sehh skond l-Istatut tal-istess *Club*. Il-fatt, *pero'*, li l-agir tal-Kumitat, qed jigi allegat, sar fit-termini tar-Regoli tal-*Club*, ma jfissirx li l-membru milqut hazin ma jistax jitlob *"review"* gudizzjarju tad-decizjoni li tkun ittiehdet, u l-Qrati taghna, fil-limiti indikati aktar qabel, ghandhom id-dritt jezercitaw gurisdizzjoni ta' *review* f'kazijiet fejn jigu milquta l-interessi tal-individwu.

Il-hames eccezzjoni tal-konvenuti nomine qed tigi wkoll *respinta.*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-vertenza, billi tichad l-ewwel hames (5) eccezzjonijiet preliminari *sollevati* mill-konvenuti *nomine,* bl-ispejjes ta' din id-decizjoni kontra taghhom, u tordna l-prosegwiment ta' din il-kawza fil-meritu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------